PDF Compressor Pro



Dehra ġenerali waqt il-Kunċert imtella' minn The Gozo Youth Wind Band

Ċelebrazzjoni f'egħluq il-Ħames Anniversarju mindu Malta saret membru tal-Unjoni Ewropea

The Gozo Youth Wind Band fi ħdan *The Gozo Youth Wind Band & Orchestra*, taħt id-direzzjoni tas-Surmast Mro. Joseph Grech, bil-kollaborazzjoni tas-Segretarjat Parlamentari għall-Konsultazzjoni Pubblika u Informazzjoni fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru; il-Kunsill Lokali tal-Belt Victoria u l-Kunsill tal-Kultura fi ħdan il-Ministeru Għal Għawdex tella' t-Tieni Edizzjoni tal-kunċert bl-isem ***Celebrating Together – A Spectacular Concert Celebrating the 5th Anniversary of Malta's entry in the E.U. and the 6th Anniversary of the Treaty of Athens*** fi Pjazza Indipendenza, (It-Tokk), ir-Rabat, Għawdex. Fl-ewwel parti ta' dan il-Kunċert, wieħed seta' jisma' siltiet klassiċi minn kompożituri li jagħmlu parti mill-Unjoni Ewropeja fosthom mill-Ġermanja, Renju Unit, Italja u Malta, filwaqt li t-tieni parti, kienet tikkonsisti f'mużika aktar leġġera li appellat għall-pubbiku in ġenerali.

Barra it-taħlita mużikali, sar ukoll spettaklu permezz ta' effetti tad-dawl li ikkomplimentaw is-serata.

Il-kunċert spiċċa bid-daqq tal-Innu tal-Ewropa u l-Innu Malti.

The Gozo Youth Wind Band & Orchestra hi magħmula minn żgħażagħ minn Għawdex kollu li komplew l-istudji tagħhom fil-qasam tal-mużika. Dawn jiltaqgħu regolarment sabiex jippreparaw repertorju varjat u attraenti sabiex jiġi esegwit f'kunċerti varji li jsiru matul is-sena. Dawn il-mużiċisti huma kumplimentati minn muziċisti oħra t'esperjenza anki minn residenti barranin li joqogħdu f'Għawdex. Dan iservi sabiex joħloq bilanċ bejn esperjenza u entużjażmu fil-qafas ta' solidaretà bejn kulturi differenti.



Studenti li ħadu sehem fil-wirja tal-fotografija flimkien mal-għalliema Erica Spiteri. Jidhru mix-xellug: Paul Scicluna, Erica Spiteri, Silvio Grima, Dr Victor Mercieca, u Marie Said

Wirja ta' Fotografija

Iċ-Ċentru tal-Arti u l-Artiġjanat Wistin Camilleri, organizza wirja tal-fotografija, fejn ġew esebiti xogħlijiet ta' ritratti minn studenti li jattendu għal kors tal-fotografija. Fil-fatt l-istudenti li qed jattendu għall-ewwel sena fil-fotografija, mgħallma mill-għalliema, Erica Spiteri, kellhom l-opportunità li jesebixxu kollezzjoni tax-xogħlijiet tagħhom.


Il-wirja kienet uffiċjalment inawgurata mis-Segretarja Privata tal-Ministru għal Għawdex, Claire Xuereb u kulmin mar jaraha kellu l-opportunità japprezza l-ħsieb u x-xogħol wara kull ritratt.

It-taħlita impressjonanti tas-suġġetti magħżula għal dawn ir-ritratti, trattat fost oħrajn xeni li huma familjari u tradizzjonali; aċċenn għan-natura waqt li oħrajn b'kunċett imaġinarju.



Silvio Grima (xellug) jagħti informazzjoni fid-dettal dwar xi ritratti esebiti minnu lis-Segretarja tal-Ministru għal Ghawdex, Claire Xuereb u lil Joseph Attard, Kap taċ-Ċentru tal-Arti u l-Artiġjanat Wistin Camilleri, f'Għajnsielem

AĦBARIJIET MINN GĦAWDEX ma' Charles Spiteri





Daniela Sultana (fin-nofs) flimkien ma' Josmar Azzopardi (lemin) u Mark Formosa *(xellug) jinfurmaw lil* Cub Scouts *dwar il-proġett*

Xagħra Scout Group jirċievu fondi mill-Unjoni Ewropeja għall-proġett 'Youth in Action'

Ġimgħat ta' ħidma iebsa ntemmu bl-ittra ta' aċċettazzjoni għal Xagħra Scout Group li applikaw għall-fondi għall-proġett E-S.C.OUT taħt '*Action 1.1: Youth Exchanges*' fil-programm tal-'*Youth in Action*' tal-Unjoni Ewropeja.

E-S.C.OUT, fil-qosor għal *European - Sports. Culture. Outdoors* huwa kamp ta' tmint ijiem li se jinżamm ġewwa Għawdex bejn is-16 u t-23 ta' Awwissu. Dan jiġbor fih attivitajiet li jirriflettu l-prioritajiet tal-programm; l-aktar iċ-ċittadinanza Ewropea, il-parteċipazzjoni taż-żgħażagħ, u d-diversità fil-kultura li ser jiġu milħuqa permezz ta' sports u djalogu interkulturali.

Tnejn u għoxrin parteċipant flimkien ma' tmien liders minn Malta, il-Portugall, l-Irlanda u t-Turkija sejrin jgħixu flimkien u jesperjenzaw avventura, ħbiberija ġdida u attivitajiet ġodda, ġo wieħed mill-aktar postijiet li huwa simbolu tas-sajf Malti, ir-Ramla l-Ħamra ġewwa x-Xagħra Għawdex.

Il-proġett huwa mmexxi totalment minn żgħażagħ taħt l-età ta' wieħed u għoxrin sena li jifurmaw parti mill-*Venture Unit* u *Rover Crew* tax-*Xagħra Scout Group*. Mhux dawn iż-żgħażagħ biss, imma l-grupp kollu, mill-iżgħar *beaver* sal-ikbar lider huma entużjasti li jaraw dan il-proġett jirnexxi u jkun ta' suċċess.




Il-Wirja tal-Fjuri u Pjanti

Wirja ta' Fjuri u Pjanti

Il-Kumitat Eżekuttiv tas-Soċjetà Agrikola, Industrijali u Kulturali ta' Għawdex organizza Wirja ta' Fjuri u Pjanti fl-entratura taċ-Ċentru Amministrattiv, Pjazza San Franġisk, ir-Rabat Għawdex.

Din is-sena wkoll, waqt din il-wirja, ittellgħet wirja speċjali bi pjanti Maltin, bil-parteċipazzjoni tal-*Hands on Farming*. Ġew ippremjati wkoll l-aħjar tliet skejjel li għamlu suċċess bit-tkabbir ta' pjanti li ngħatawlhom waqt il-programm tal-*Hands on Farming* li jiġi organizzat matul is-sena.

Dizzjunarju - Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino-Inglott - *Hard Cover*



Waslilna Dizzjunarju-Teżawru ġdid bil-Malti ta' Mario Serracino Inglott. Dizzjunarju tajjeb ħafna għall-użu ta' kull Malti

Dan id-Dizzjunarju jinsab għall-bejgħ mill-Uffiċċju ta' **The Maltese Herald PO Box 330 Merrylands NSW 2160** jew billi ċċemplu fuq **(02) 9637 9992**

Prezz ta' $45 u żidu $10 għall-posta.

Dan hu d-Dizzjunarju li qed jintuża għat-Tisliba tagħna